MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 316/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Mercieca)**

**Vs**
Ludwig Ebejer

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-5 t' Ottubru, 2006, ghall-habta tas-2.15 p.m., u/jew wara dan il-hin, gewwa Triq Guze Ellul, Pieta', u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer :**
**1) flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' flus u cavetta ta' vettura nru. KBD 524, liema serq hu aggravat bil-valur, li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-persuna, u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq sar ghad-dannu tas-socjeta' Nectar Ltd u/jew ohrajn;**

**2) iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat ta’ “hold-up” li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tas-7 t' Ottubru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 261 (c), 279 (a), 110 (2) tal-Kap. 9, fuq ammissjoni sabet lill-appellat hati.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-12 t’Ottubru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, billi, talvolta jigi dikjarat li l-Ewwel Qorti ezercitat kontra l-ligi gurisdizzjoni ta’ Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, tiddikjara nulli l-proceduri kollha w tibghat mill-gdid il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bala Qorti Istruttorja sabiex isir l-ezami mill-gdid tal-imputat, u, jekk ikun il-kaz, tibda l-kumpilazzjoni ai termini tal-artikolu 401 tal-Kodici Kriminali, jew, talvolta jekk dan l-ewwel aggravju ma jintlaqax tibdel u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuzi migjuba kontrih, thassaraha w tirrevokaha f’dik il-parti fejn, naqset milli tinfliggi xi forma ta’ piena, u, minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe’:- li l-Ewwel Qorti apparentement, meta ma kienetx hekk legalment kompetenti, ezercitat gurisdizzjoni ta’ qorti ta’ gudikatura kriminali (li kieku kienet tkun hekk legalment kompetenti li kieku irrizulta b’ mod car li l-imputat ippersista fl-ammissjoni tieghu registrata fl-ewwel seduta tal-prezentata) minkejja li mill-atti processwali jirrizulta li fi stadju ulterjuri, qabel il-prolazzjoni tas-sentenza, l-imputat wiegeb li mhux hati u talab il-helsien mill-arrest. Minnhabba din l-incertezza, stat konfuzjonali fl-atti processwali u kontradizzjonijiet, l-appellant issottometta li l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti ghandhom jigu dikjarati nulli minn din il-Qorti, anki peress

li jidher li hemm ksur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Li minghajr pregudizzju ghas-suespost, u jekk l-ewwel aggravju ma jigix milqugh, ghalkemm l-Ewwel Qorti fuq ammissjoni tal-imputat sabitu hati, naqset ghal kollox milli tinfliggi xi piena ghar-reati li dwarhom l-istess appellat kien akkuzat u misjub hati. Bizzejjed jinghid li ghar-reati li dwarhom l-imputat gie dikjarat u misjub hati, l-ligi tipprefiggi minimament piena karcerarja minn seba xhur sa sentejn skond l-art. 281 tal-Kodici Kriminali.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan hu appell fuq kaz pjuttost stramb u mhux tas-soltu. L-appellat kien gie mressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja w akkuzat b' reati ta' serq aggravat, denunzja ta' reat li kien jaf li ma jezistix u li holoq tracci ta' reat b' mod li setghu jimbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat sar, reati dawn li kienu jezorbitaw il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, skond l-art. 370 tal-Kodici Kriminali. Fl-ewwel seduta tas-7 t' Ottubru, 2006, f' hin minnhom l-imputat irregistra ammissjoni, fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.**

**F' dak l-istadju l-Qorti tal-Magistrati a tenur tal-artikolu 392A kienet intitolata bil-ligi li tghaddi minnufieh ghas-sentenza bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond is-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu.**

**Gara izda li jidher li kien hemm xi titubar u incertezzi da parti tal-appellat. Di fatti gie verbalizzat testwalment hekk:-**

***"Meta ssejjhet il-kumpilazzjoni deher l-imputat.***
***"Dr. Jose' Herrera msejjah tlitt darbiet ma deherx.***

***“Ghall-Prosekuzzjoni deher l-Ispettur Joseph Mercieca li qara l-akkuza bil-gurament u esebixxa l-fedina penali u tlitt stqarrijiet tal-imputat.***
***“Sar l-ezami tal-imputat.***
***“F’ dan l-istadju deher Dr. Jose’ Herrera.***
***“l-imputat wiegeb li hu hati.***
***“Id-difiza mhux qed tikkontesta l-arrest u ghalhekk il-Qorti tqis l-arrest bhala wiehed gustifikat.***
***“Il-Qorti peress li m’ghandhiex il-kunsens tal-Avukat generali sabiex tisma’ u tiddeciedi l-kaz, tipposponi l-kumpilazzjoni.***
***“Meta regghet issejjehet il-kumpilazzjoni deher l-imputat assistit minn Dr.Jose’ Herrera.***
***“Ghall-Prosekuzzjoni deher l-ispettur Joseph Mercieca.***
***“Il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk fehemx l-akkuza, xi jwiegeb ghaliha u jekk jafx x’ inhuma l-pieni marbutin ma’ din l-akkuza.***
***“L-imputat wiegeb li huwa konsapevoli ta’ kollox u wiegeb li huwa hati.***
***“Qabel ghaddiet ghas-sentenza, l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk ikunx dispost joqghod taht kundizzjonijiet jekk ikun liberat.***
***“Huwa wiegeb fl-affermattiv.***
***“Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat fejn tirrizulta illi fis-sena 2003, kien inghata Section 9 tal-Kap.152 u wara li staqsietu jekk jafx (Sic!)***
***“L-imputat wiegeb li mhux hati u talab il-helsien mill-arrest.***
***“Il-Prosekuzzjoni topponi.***
***“Saru sottomissjonijiet.’***
*“Il-Qorti tilqa’ t-talba u takkorda l-helsien mill-arrest bil-kondizzjonijiet f’ digriet hawn anness.*
*“Il-Qorti thalli l-kumpilazzjoni ghall-11 t’ Ottubru, 2006 u tordna li dawn l-atti jintbaghtu lid-direttur tal-Qrati sabiex ikunu assenjati skond il-ligi.”*

Illi minn dan jidher li l-appellat kellu ripensament u bidel it-twegiba tieghu ghal wahda ta’ mhux hati w addirittura talab il-helsien mill-arrest.

**Sadattant donnu l-Ewwel Qorti kienet gja bdiet tikteb is-sentenza u skond il-kopja dattilografata li iggib l-intestatura ta' l-"Qorti tal-Magistrati (Malta)** bhala Qorti Istruttorja**", (Sic!) waslet biex qalet :-**

*"Semghet l-ammissjoni tal-imputat wara li inghata zmien sufficjenti biex jikkontempla id-dikjarazzjoni ta' htija tieghu u l-piena marbuta mal-akkuzi;*
***"Fuq ammissjoni ghalhekk issib lill-imputat hati;***
***"Wara li rat l-artikoli 261 ( c ) , 279(a) 110 (2) tal-Kap.9,***
*"Wara li rat il-fedina penali tal-imputat fejn jirrizulta illi dan kien inghata liberta' kondizzjonata skond l-allura art. 9 tal-Kap.152 meta kellu 20 sena ghal reat ta' sewqan traskurat kommess meta kellu biss 18-il sena u meta l-Qorti staqsietu x' kien wehel ta' dik l-akkuza, l-imputat wiegeb li ma kienx jaf u ghalhekk il-Qorti tqis li ma kienx fehem l-obbligu impost fuqu."*

Is-sentenza inspjegabbilment tieqaf hemm bla ma giet erogata ebda piena jew xi provvediment iehor.

**Illi l-unika spjegazzjoni li tista' teskogita din il-Qorti ghal din l-istramberija procedurali hi li l-Ewwel Qorti kienet bdiet tikteb is-sentenza w meta l-imputat appellat bidel l-twegiba tieghu ghal wahda ta' mhux hati waqfet hemm.**

**Din l-ispjegazzjoni hija konfacenti mall-fatti li quddiem l-Ewwel Qorti mkien ma gie verbalizzat li nghatat sentenza. Ghal kuntrarju gie verbalizzat li l-Qorti kienet qed tilqa' t-talba ghall-helsien mill-arrest u kienet qed tiddiferixxi l-kumpilazzjoni ghall-11 t' Ottubru, 2006 u ordnat li l-atti jintbaghtu lid-direttur tal-Qrati sabiex ikunu assenjati skond il-ligi.**

**Mill-banda l-ohra minkejja li l-Qorti qalet li kienet qed tilqa' t-talba ghall-helsien mill-arrest "*bil-kondizzjonijiet f' digriet hawn anness*" , fil-process ma hemm ebda digriet simili u lanqas l-obbligazzjoni tal-appellat li qed jaccetta l-kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja, jekk dawn il-kondizzjonijiet verament gew imposti. Insomma kif ben tajjeb issottometta l-Avukat**

**Generali hemm konfuzjoni shiha fil-process li jinkwetaw serjament lil din il-Qorti dwar il-mod kif kazi serji kriminali kulltant qed jigu trattati mill-Qrati tal-Magistrati.**

**Din il-Qorti pero' ser tipprova taghti l-aktar interpretazzjoni beninja biex tipprova tispjega dan l-istat ta' fatti rregolari ghall-ahhar. X' aktarx li l-Ewwel Qorti wara l-ewwel ammissjoni tal-htija mill-appellat fil-prezenza tal-avukat tieghu w waqt li l-kawza kienet posposta ghal ftit tal-hin, kienet bdiet tirredigi u tabbozza s-sentenza. Meta umbaghad wara l-posponiment, l-appellat iddecieda li jibdel it-twegiba tieghu ghal wahda ta' mhux hati w talab il-liberta' provizorja, ddecidiet li allura ma kienx aktar applikabbli id-dispozittiv tal-art. 392A (2) u li bil-fors trid tkompli l-kumpilazzjoni quddiem il-Magistrat li tigi assenjata lilu. Hekk gie verbalizzat fid-differiment ghall-11 t' Ottubru, 2006. U dan jaghmel hafna sens legali w jindika li, jekk sar hekk, il-Magistrat kien qed ikun ferm prudenti u jiehu l-kambjament fit-twegiba bhala wiehed ritwali w permissibbli kif mahsub fl-art 392A (1) u 453 (1) tal-Kodici Kriminali.**

**Jibghu pero' tlitt mistoqsijiet li ma hemmx spjegazzjoni ghalihom fil-process. Cioe' ghaliex fil-process ma jinstabux il-kondizzjonijiet ghall-ghoti tal-liberta' provizorja li ghalihom hemm riferenza fil-prime note, u ghaliex jekk il-kawza giet differita ghall-11 ta' Ottubru, 2006, l-iskrivan tal-awla iddattilografa l-abbozz tas-sentenza jekk kien – kif tifhem li kien din il-Qorti - biss abbozz? U jekk l-iskrivan ghamel zball billi iddattilografa abbozz ta' sentenza inkompjuta w taht l-intestaura ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istuttorja, ghaliex il-Magistrat ghazel li jiffirma din il-kopja dattilografata? L-ahhar risposta jista' jatiha biss il-Magistrat w din il-Qorti ma tistax tiehu din l-informazzjoni minn ghandu.**

**Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tara li l-uniku mod kif tista' tiddisponi minn dan l-appell hu billi tiddikjara li l-Ewwel Qorti qatt ma tat sentenza fil-konfront tal-**

**appellat ai termini tal-artikolu 392A bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali w li l-atti ghandhom jerghhu jigu rinvijati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex l-appellat jerga' jitpogga fl-istat li kien immedjetament qabel ma gie ezaminat mill-Ewwel Qorti w qabel ma talab il-helsien mill-arrest, b' dan li jekk jerga' iwiegeb li mhux hati titkompla l-kumpilazzjoni skond il-ligi w jekk jintalab il-helsien mill-arrest u dan jigi akkordat lilu, jigu mposti w verbalizzati l-kondizzjonijiet tal-ghoti tal-liberta' provizorja, u f' kaz li, ghal kuntrarju, l-appellat iwiegeb li hu hati, jigu osservati skrupolozament id-dettami tal-ligi kontenuti fl-artikolu 392A u 453 (1) tal-Kodici Kriminali w tinghata sentenza mill-Qorti kompetenti skond il-ligi, ie. il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------